MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 7/2001/1

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi fl-10 ta’ April 1999 ghal habta tas-2.40 p.m. fi Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, il-minuri, Mario Cordina kien qieghed issuq bycicle b’mod traskurat u perikoluz tant li baqa’ diehel fil-vettura tat-tip “Golf Polo” (LAU 562), propjeta’ tal-atturi u misjuqa mill-istess attur, Sammy Farrugia bir-rizultat li bid-daqqa, il-minuri, Mario Cordina li hareg habta u sabta minghajr pre=avviz minn go sqaq kisser il-windscreen tal-istess vettura.

Peress illi rizultat ta’ dan is-sewqan traskurat u perikoluz tal-konvenut, l-atturi soffrew mija u disa’ u tmenin lira u seba’ u tmenin centezmu (Lm189.87c.0m) hsarat fil-vettura taghhom (LAU 562).

Ghaldaqstant il-konvenuti proprio et nomine ghandhom jigu dikjarati responsabbli ghal incident imsemmi f’dan l-avviz u jigu kkundannati jhallsu lill-atturi is-somma ta’ mija

disa’ u tmenin lira u seba’ u tmenin centezmu (Lm189.87c0m) hsarat skond l-ircevuti Dok A, B, C, D. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-19 ta’ Dicembru 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti proprio et nomine ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Illi l-konvenuti ma jahtu xejn ghall-incident de qou u dana ghaliex l-incident gara tort ta’ traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku u tort ta’ velocita’ eccessiva da parti ta’ l-attur. Illi t-tifel minuri Mario Cordina in fatti ma jahti xejn ghall-incident, u fil-fatt, waqt illi kien qieghed isuq il-bicycle tieghu, hu safa’ investit mill-karozza tal-attur, u sahansitra bil-daqqa il-minuri gie mitfugh ghal fuq il-windscreen tal-vettura tal-attur. Illi infatti kien l-attur illi biex jevita vettura ohra illi kienet ghaddejja fuq il-karregjata l-ohra kiser bruskament fuq Mario Cordina.

Illi fit-tieni lok, il-genituri ma jahtu xejn ghall-incident ghaliex huma f’kull zmien zammew supervisjoni fuq it-tifel taghhom, u ma ppermettewx illi t-tifel jaghmel hsara tort tieghu lill-propjeta’ ta’ terzi.”

Fela l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti u acceda fuq il-post tal-incident

Ikkunsidra

Il-partijiet jaghtu verzjonijiet differenti ta’ kif sehh l-incident. L-attur jghid li Mario Cordina kien isuq il-bicikletta fl-istess direzzjoni li fiha kien qieghed isuq l-attur; izda fuq in-naha tal-lemin tat-triq u abruptament u minghajr ma ta’ avviz qasam lejn in-naha tax-xellug. Il-konvenut jghid li kien isuq fl-istess direzzjoni tal-attur; li kien fuq ix-xellug tat-triq biswit vetturi pparkjati fuq ix-xellug, u li l-attur issorpassah; waqt il-manuvra tas-sorpass tfaccat vettura mid-direzzjoni opposta u l-attur ghafas fuq ix-xellug tieghu sabiex jevita li jahbat maghha, bir-rizultat pero’ li minflok habat ma’ Cordina.

It-Tribunal jaghti affidament lill-verzjoni tal-attur ghal dawn ir-ragunijiet:

1. l-iskizz juri zewg brake-marks diagonali li jispiccaw mal-hajt u ghalhekk dan jeskludi dak li allega Cordina fis-sens li kien hemm il-karozzi pparkjati hemmhekk

2. il-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-*front right windscreen u front right mudguard* – hsara inkompatibbli ma’ habta fuq in-naha tax-xellug tal-vettura, kif kien jigri skond il-verzjoni tal-minorenni

3. Cordina qal li huwa kien sejjer jikser ghal go sqaq li kien hemm fuq ix-xellug tieghu. Jirrizulta car mill-iskizz u mill-access li t-Tribunal ghamel fuq il-post tal-incident li l-uniku sqaq li hemm jinstab distanza konsiderevoli l-boghod; fil-fatt dan kien diga nqabez mill-vettura tal-attur.

Biex ikun qieghed jinghad kollox, it-Tribunal huwa konxju ta’ dak li qal l-attur fl-avviz tat-talba tieghu: *Mario Cardona.. hareg habta u sabta minghajr preavviz minn go sqaq* izda wisq jahseb li dan kien zball tal-avukat tal-attur li rrediga l-avviz tat-talba, ghax la a tempo vergine u l-anqas waqt id-deposizzjoni tieghu ma ghamel l-attur allegazzjoni bhal din.

Il-brake-marks jindikaw li l-attur kien ghaddej b’velocita’ ta’ cirka 40 metru fis-siegha, li ma teccedix il-massimi regolamentari ghal karozza f’inhawi mibnija.

Jirrizulta ghalhekk li l-kawza prossima tas-sinistru kienet il-mossa inkonsulta u perikoluza li ghamel il-minorenni.

L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreciza in linea generali illi “kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f’hekk.”

Il-genitur "hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix" (Artikolu 1034 tal-Kodici  Civili);

Ghalhekk, meta minuri jikkawzaw hsara *ex delicto* , jistghu ikunu responsabbli kemm huwa personalment (u ghal dan l-iskop jigu mharrkin il-genituri tieghu bhala legittimi rapprezentanti tieghu) kif ukoll il-genituri taghhom fil-kapacita' **personali**  taghhom, bhala mixlija li naqsu li jkunu hadu hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix[1].  Minhabba f'hekk ta' spiss il-genitur jew genituri jigu mharrkin kemm f'isimhom proprju kif ukoll bhala legittimi rapprezentanti ta' wliedhom – kif qeghdin jaghmlu l-atturi quddiem dan it-Tribunal, u jigu hekk ikkundannati mill-Qrati[2].

Kif akkolt minn kazistika pacifika[3] din ix-xorta ta' responsabilita` hi dik civili indiretta "*che ha il suo fondamento nella 'culpa in vigilando' di coloro che hanno la cura del minore*" ("**William James Davies –vs- John McHallam**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April 1925).  "Il-missier  allura ghandu kontra tieghu l-presunzjoni legali li hu  responsabbli  ghad-danni kagjonati minn ibnu minuri, sakemm  huwa ma jipprovax sodisfacentement illi, bhala missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannuz ma jigix kommess" ("**Nicola Magro –vs- Geraldo Zammit *proprio et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' April 1960.  Il-ligi ma zzid xejn izjed, u thalli ghad-dottrina u l-gurisprudenza l-kompitu li tiddikjara  kif trid issir tali prova. Importanti ghalhekk jigi determinat x'ifisser li l-genituri

[1] John Formosa vs Francis Borg noe – Onor J Said Pullicino – 24.06.1993 – LXXVII.iii.178

[2] Ara per ezempju Jerome Pace vs Paul Muscat f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Jason Muscat – 16.06.2003 – Prim'Awla, Onor. P Sciberras

[3] Hemm pero' sentenza dissidenti li jidher li qalbet l-oneru tal-prova:   fiha nghad li kien l-attur li kien jinhtieglu jipprova li l-konvenut naqas mill-vigilanza fuq ibnu:  qabel ma gara l-kaz, il-konvenut qatt ma kien ircieva xi lamenti dwar l-imgieba ta' ibnu li setghu igieghluh jippresta attenzjoni ikbar minn dik ordinarja  ghar-rigward tieghu.  Dan kien kaz fejn tifel, huwa u jirritorna mill-iskola, sab landa msadda, waddabha f'ghalqa u laqat lill-attur – Pasquale Zerafa vs Carmelo Gauci 14.12.1955 – Onor. J Caruana Colombo XXXIX.14.  F'dan il-kaz pero' l-Qorti qalet li t-tifel ma kienx negligenti ghax l-ghalqa kienet zdingata, u qabel gara, hares biex jara kienx hemm xi hadd.  Gara  pero' li l-landa taret oltre minn dak li ppreveda t-tifel minhabba r-rih qawwi li kien hemm.

hadu hsieb biex il-fatt ma jsirx. Il-ligi taghna donna tirrikjedi grad inqas ta' skolpazzjoni mil-ligi taljana li biex genitur jiskolpa ruhu, titlob li huwa jipprova li kien fl-**impossibilita' li jimpedixxi l-fatt leziv.** – ***sono liberate dalla responsabilita' soltanto se provano di non aver potuto impedire il fatto (Art 2048 Codice Civile 1942).*** ). "Din il-prova trid tkun sufficcjenti, u tali li twaqqa' l-presunzjoni legali, b'mod li mhux bizzejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri ghamel il-kaz, u kkaguna d-dannu, hu kien okkupat fuq ix-xoghol." ("**Joseph Zammit –vs- Joseph Cutajar et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 19 ta' Jannar 1956). L-assenza tal-genituri mhix bizzejjed biex teskulpahom, *fa pur mestieri, che il padre o la madre escludano ogni altra colpa precedente, sia di mala educazione, sia d'imprevidenza, o di trascurato esercizio di patria potesta'*[4].

Dejjem in tema ghal din il-materja jinsab akkolt illi anke f'kaz bhal dak hawn trattat, "hemm bzonn li jigi provat illi l-persuna prezunta responsabbli ghall-fatt ta' haddiehor tat okkazjoni ghal dak il-fatt bi htija taghha proprju; ghax f'dan il-kaz si tratta ta' kwazi-delitt fejn hi rikjesta l-htija tal-persuna responsabbli. Mhux necessarju li jkun hemm kwazi-delitt da parti ta' l-awtur tal-fatt, ghax il-persuni dikjarati responsabbli mil-ligi huma tenuti mhux minhabba l-htija ta' min ikkommetta l-fatt**, imma minhabba l-htija taghhom proprja**,(sottolinear ta' dan it-Tribunal) billi ma mpedewx il-fatt; u jirrispondu appuntu ghaliex ittraskuraw id-dover taghhom" – "**Pasquale Zerafa –vs- Carmelo Gauci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1955;

Kif ahjar precizat f'din l-ahhar citata sentenza riportata a **Vol. XXXIX P II p 799**, "ghaldaqstant, missier, biex jigi dikjarat responsabbli ta' danni kommessi minn ibnu minuri, hemm bzonn li jigi pruvat li l-minuri kkommetta l-hsara, li l-minuri kien taht il-kura tieghu, u li l-missier ma uzax id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja, anzi ommetta l-vigilanza necessarja fuq ibnu, biex jipprevjeni l-fatt ta' ibnu.";

[4] Pothier, Obligat, 454

X’inhi l-vigilanza ordinarja li l-missier tajjeb tal-familja ghandu jesegwixxi hija kwistjoni ta’ fatt li trid tigi apprezzata fic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz. Fil-kaz prezenti, il-minorenni kien qieghed jigri bil-bicikletta fi triq ewlenija ftit metri l-boghod mid-dar tal-genituri, li dak il-hin kienu d-dar; il-missier kien qieghed jistrieh filwaqt li t-tifel informa lil ommu li kien hiereg bil-bicikletta. Fil-fehema tat-Tribunal, il-genituri naqsu mill-obbligu taghhom tal-vigilanza meta ppermettew lil binhom, li dak iz-zmien kellu ghaxar snin, imur isuq bicikletta fi triq ewlenija u traffikuza tar-rahal taghhom. Difficli wiehed jistenna li tifel ta’ ghaxar snin japprezza u l-perikli tas-sewqan b’mod li jkun jista’ janticipa l-hsara li tista’ ssir kemm lilu nnifsu kif ukoll lil haddiehor.

Skond Artiklu 1035 it-tfal ta’ taht id-9 snin u, meta ma jigix ippruvat li mxew b’hazen, it-tfal li ma jkunux ghalqu l-14 il-sena m’humiex obbligati jhallsu l-hsarat maghmulin minnhom, salv il-jedd tal-imgarrab li jagixxi kontra min jista’ jkun responsabbli a tenur tal-artiklu 1034. Din il-prova tispetta lill-attur, li pero’ bl-ebda mod ma pprova li t-tifel agixxa b’dixxerniment.

Rigward il-*quantum* tad-danni, dan gie sodisfacentement ipprovat permezz ta-dokumenti esibiti, li bl-ebda mod ma gew attakkati mill-konvenuti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti bhala legittimi rapprezentanti ta’ binhom minorenni Mario Cordina; jilqaghha fil-konfront tal-istess konvenuti f’isimhom proprju u konsegwentement jikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ LM189.87c ammont ta’ danni minnhom subiti kawza tal-habta bejn il-bicikletta misjuqa minn Mario Cardona u l-vettura tal-atturi bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-19.12.2000 bl-imghax mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------